MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 42

27 ta' Settembru 2022

Minuti tas-seduta Nru. 41 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2022 fis-6.00 pm.

### Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra l-Kunsillier M. Abela li kien skużat għal raġunijiet ta' xogħol, skont imejl datat 27 ta' Settembru 2022.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

### 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 41, li saret fit-23 ta' Awwissu 2022, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

### 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi 2022 (A/5/3/1/Vol XVII) (A/5/6/6/Vol VIII) (K/1/5/Vol V)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.13.2. tas-seduta preċedenti u qal li s-Sindku ta' Adenau A. Hoffmann, permezz ta' ilmejl datat 16 ta' Settembru 2022, għarraf li mhux ser ikun possibbli għalih li jattendi l-avvenimenti msemmija.

2.1.3. Il-Viċi Sindku aċċenna li fl-2022 jaħbat il-75 anniversarju mit-twaqqif tal-Mellieħa Sports Club u l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Is-Sur J. Buttigieg irrakkomanda li jkun xieraq li fl-edizzjoni li jmiss ta' Jum il-Kunsill jingħata apprezzament għall-kuntribut li ngħata fuq medda ta' 75 sena.

2.1.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 2.1.3., kif ukoll li għandha ssir sejħa pubblika għan-nomini u lill-għaqdiet skont il-kriterji approvati.

**2.2.1. PA 4933/22 - Bini mill-ġdid tal-Festaval Hotel – Triq id-Dahar (P/5/8/D)**

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 5.10.1. tas-seduta preċedenti sabiex il-Kunsill ġie mgħarraf li saret oġġezzjoni dwar il-proposta li tinbena lukanda ġdida fl-inħawi tas-Sdieri, minflok il-Festaval Hotel li tinsab fi stat dilapidat. L-oġġezzjoni saret abbażi tal-fatti segwenti:

- L-art in kwistjoni hi waħda sensittiva ekoloġikament tant li hi protetta ai termini tal-Avviż tal-Gvern GN 491/06, liema avviż ħareġ wara li kienet inbniet il-lukanda li hija propost li titwaqqa;

- L-unika konsiderazzjoni li tista' tagħmel l-Awtorità tal-Ippjanar hi li tapprova t-twaqqiegħ tal-istruttura perikoluża eżistenti u li tordna ukoll ir-restawr tas-sit in kwistjoni; u

- Is-sit hemm ordni ta' infurzar (EN 0090/18) fuqu li hu kkontestat permezz ta' appell li għandu pendenti PAB 210/18. Dan l-ordni ta' infurzar tirrigwarda ordni tal-awtorita li tesiġi t-tneħħija tal-periklu.

2.2.3. Wara li saret din is-sottomissjoni, irriżulta li l-applikazzjoni ġiet sospiża mill-perit tal-applikant, u għaldaqstant tista' tiġi rijativata mill-ġdid.

2.2.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet u nnota l-iżviluppi li kien hemm.

**2.3.1. *Cleanup The World Campaign* 2022 (F/1/7/Vol VI)**

2.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuti 5.14.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li fil-21 ta' Settembru 2022 sar tindif volontarju fejn attendiet hi flimkien ma' seba' persuni u l-Kunsilliera A. Brincat Stellini. Din l-inizjattiva kienet tinvolvi Triq Selmun, bejn il-Park tal-Familja u l-Palazz ta' Selmun.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. *Eco-Market* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-*European Mobility Week* (A/6/3/2/Vol 80) (A/4/5/Vol IV)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għall-minuta 5.3.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-Unit tal-Għoti tad-Demm inġieb f'Misraħ il-Parroċċa l-Ħadd 18 ta' Settembru u kien hemm 32 persuna li taw id-demm. Kompliet tgħid li fid-19 ta' Settembru saret mixja bejn Dar il-Madonna tal-Mellieħa sal-Bitħa tas-Santwarju, li ħadu sehem fiha ħamsin persuna li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva.

2.4.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li t-Tlieta 20 ta' Settembru filgħaxija kien hemm wirjiet sportivi fil-*court* tal-Park tal-Familja li ħadu sehem fihom it-timijiet tan-Netball, u Basketball Libertas. Huwa qal ukoll li is-Selmun Sports Club kienu mistiedna wkoll, però minħabba x-xita ma setax jintrama tapit, peress li kienu ser jieħdu sehem bil-judo u *weightlifting*.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**3.1.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)**

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm xi rispons minn Infrastructure Malta dwar din it-triq. Huwa qal li r-residenti qed jistaqsu x'ser isir minħabba d-dewmien. Fin-nuqqas ta' tagħrif, huwa ppropona li din il-materja għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li huwa reġa’ kiteb lill-Infrastructure Malta kemm dwar it-triq imsemmija, kif ukoll għal Triq ir-Rattan, li kienu qed jiġu trattati flimkien. Sad-data tas-seduta ma kienx hemm tweġiba.

3.1.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li huwa jaqbel illi jekk ma jkunx hemm rispons minn Infrastructure Malta, il-materja għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-ministeru konċernat.

### 3.2.1. Immaniġġjar tat-traffiku waqt xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Pwales u fit-Telgħa tax-Xemxija (W/2/Vol II)

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar l-eżitù tal-kuntatti li kien hemm bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar li jinvolvu l-għeluq tat-triq tax-Xemxija għal diversi ġimgħa.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li fis-Seduta numru 30 tas-17 ta’ Awwissu 2021 huwa informa lill-Kunsill li kienet qed tiġi mistħarrġa l-possibiltà li l-katusi tad-drenaġġ eżistenti jiġu trattati minn ġewwa b’materjal apposta li jġibhom fl-istat oriġinali tagħhom. B’dan il-mod ma jkunx hemm ħtieġa li jsir skavar sabiex dawn jinbidlu. Huwa qal ukoll li l-Korporazzjoni qed taħdem fuq dawn il-linji.

3.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1. Installazzjoni ta' CCTV fil-Park tal-Familja/Gnien Dun Anton Debono, Triq Ta’ Fuq il-Migduma, u Triq Ġorġ Borg Olivier (C/9)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta li l-proġett imsemmi qed jieħu ħafna fit-tul da parti tal-kuntrattur konċernat. Huwa qal li dan mhuwiex aċċettabbli, partikularment fil-każ ta’ Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn ix-xogħol irid ikun lest sal-bidu ta’ Diċembru.

3.1.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa fuq il-post fi Triq Ġorġ Borg Olivier sabiex jiġu stabbiliti d-dettalji tax-xogħlijiet meħtieġa bil-għan li jkun jista’ jinħareġ il-permess ta’ Transport Malta.

## 4.0. Tqegħid ta’ Karti

- *Purchase Request Form* – 23/09/22;
- Skeda ta’ Pagamenti – 22/08/22 – 23/09/22;
- Minuti – Seduta tal-Kunsill Reġjonali – 03/08/22;
- Ittra ta’ Direzzjoni (Management Letter) 2021;
- Skeda ta’ Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta’ Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Progett - 30 Anniversarju Gvern Lokali (A/2/Vol XI)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-ċirkulari AKL 2022/087 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-14 ta’ Settembru 2022. Fl-istess korrispondenza, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qalet li ser tkun qed taħdem fuq proġett sabiex jiġi mfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Kull lokalita' intalbet tindika liema hi dik ix-xi ħaga li hija sinonima jew tirrappreżenta l-lokalità tal-Mellieħa. It-temi jistgħu ikunu personaġġi, monumenti, attività sportiva sinomina mal-belt jew raħal, tradizzjoni ta' ikel jew inbejjed, frotta jew pjanta eċċ.

5.1.3. Il-Kunsill għażel l-Ark li jagħti għall-Bitħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

5.2.1. **Bini / titjib ta' toroq rurali b'rabta agrikola** **(T/4/7/Vol III)**

5.2.2. Saret referenza għal ċirkulari AKL 2020/090 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fis-16 ta' Settembru 2022. Fl-istess korrispondenza ġie spjegat li għan ewlieni huwa li tiġi pprovduta l-infrastruttura meħtieġa, li jibbenefikaw minnhom firxa ta' nies involuti fl-agrikoltura. Tipprovdi wkoll titjib fl-aċċessibbiltà għal dawn l-azjendi permezz tat-titjib tat-toroq ta' aċċess għall-irżieżet. Il-Kunsilli ntalbu jindikaw toroq ta' din ix-xorta.

5.2.3. Il-Kunsill indika Triq it-Torri Ta' Għajn Ħadid, Triq l-Imġiebaħ, u Triq il-Fortizza ta' Campbell.

**5.3.1. Festa tal-Qara' Ahmar - 30/10/2022** **(S/6/Vol VII)**

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Awwissu 2022, mibgħut mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment wara waqfa ta' xi snin. Din id-darba l-avveniment ser jiġi organizzat fir-Razzett tal-Qasam fit-30 ta' Ottubru 2022. Appella sabiex il-Kunsill jgħin fil-kiri ta' *mobile toilets*, fil-pubbliċità, jew fl-ispejjeż tal-ispettaklu.

5.12.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-avveniment imsemmi u jikkontribwixxi fl-ispirtu tal-artiklu 63A u 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.2.1. *Workshops* dwar servizzi bankarji offruti mill-APS Bank** **(K/1/3/Vol II)**

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 15 ta' Awwissu 2022, fejn intalbet laqgħa mal-Kunsill dwar il-possibiltà li jsiru *workshops* għal gruppi partikulari li jeżistu fil-lokalità dwar is-servizzi offruti mill-bank.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għalkemm il-banek huma essenzjalment entitajiet kummerċjali, filwaqt li jirrendu servizzi essenjali, li ċ-ċittadin għandu jkun konxju tagħhom.

5.3.1. ***Mediterranean Coastal Erosion Conference 2022*** **(X/1/6/Vol II)**

5.3.2. Saret referenza għal stedina mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għall-konferenza li ser issir bejn l-4 u s-6 ta' Ottubru 2022. Il-parteċipanti ngħataw l-opportunità jippreparaw preżentazzjoni marbuta mat-tema.

5.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi l-Kunsillier G. Micallef, kemm-il darba ċ-ċirkostanzi jkunu jippermettulu jagħmel dan, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**5.4.1. Ipparkjar quddiem il-Knisja l-Qadima fil-Manikata** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.4.2. Saret referenza għal ittra datatabono rrefera għal imejl datat 29 ta' Awwissu 2022, mibgħut mill-Kappillan tal-Manikata fejn appella sabiex ma jsirx ipparkjar quddiem il-knisja msemmija bil-għan li din il-knisja illi qed tkun miftuħa l-ġurnata kollha tingħata d-dinjità li tixraqilha.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex bejn it-triq u z-zuntier tal-knisja jiġi ndikat bħala KEEP CLEAR.

**5.7.1. Faċilitajiet ta' ħatt/tagħbija fi Triq Snajjin** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.7.2. Saret referenza għal talba datata 13 ta' Settembru 2022, fejn l-operatur ta' Victoria BB talbu li jingħataw il-faċilità msemmija quddiem il-*guesthouse* tagħhom fi Triq Snajjin minħabba s-servizz tal-*laundry* u merkanzija oħra.

5.7.3. Il-Kunsill osserva li skont il-linji gwida ta' Transport Malta, *guesthouses* mhumiex eliġibbli għal faċilitajiet esklussivi ta' din ix-xorta, bħalma huma l-lukandi. Kien osservat ukoll li mhemmx negożji oħra li jistgħu jibbenefikaw.

### 5.8.1. Sewqan perikoluż fi Triq tad-Dahar (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-kisi mill-ġdid tat-triq imsemmija u qalet li b'riżultat ta' dan qed ikun hemm sewqan b'veloċità qawwija. Hija appellat lill-Kunsill sabiex jikkonsidra l-introduzzjoni ta' *speed humps*.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jsiru tlett settijiet ta' *speed humps* fil-parti d-dritta, bejn it-Torri l-Aħmar u fejn kien hemm l-istazzjon tar-radar.

### 5.9.1. Inkonvenjenzi fi Triq Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol XVI)

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Settembru 2022, fejn resident fil-parti l-dejqa ta' Triq Dun Franġisk Sciberras tenna miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqas it-tniġġiż tal-arja. L-istess persuna sostna li idejalment din il-parti tat-triq issir żona pedonali, jew inkella jiġu ntrodotti l-miżuri li ġejjin:

(1) Il-*pedestrians* jkollhom prijorità;
(2) Triq Dun Franġisk Sciberras issir *one-way* 'l isfel;
(3) L-użu ta' Triq Dun Frangisk Sciberras ikun limitat għar-residenti biss;
(4) Il-veloċità massima titnaqqas għal 10 kilometri fis-siegħa;
(5) Jiġu ntrodotti miżuri li jnaqqsu l-veloċità;
(6) Li ma tibqax tintuża bħala rotta alternattiva meta Triq Ġorġ Borg Olivier tkun magħluqa.

5.9.3. Il-Kunsill tenna li meta jittieħu in konsiderazzjoni t-toroq tal-madwar, il-proposti 1, 2, u 3 mhumiex fattibbli. Fir-rigward tal-proposta numru 4, ma kienx hemm oġġezzjoni li jsiru tabelli li jillimitaw il-veloċità għall-10 kilometri fis-siegħa. Dwar l-introduzzjoni ta' speed humps, il-Kunsill dehrlu li dawn jikkawżaw aktar inkonvenzjenzi bil-ħsejjes li jiġġeneraw, partikularment fi f'dan il-każ fejn it-triq hija dejqa u tinsab bejn bini għoli.

5.9.4. Kien innotat li l-punt numru sitta diġa qed jiġi osservat, billi t-traffiku qed jiġi mdawwar għal Triq l-Erwieħ, meta Triq Ġorġ Borg Olivier tingħalaq minħabba xogħlijiet.

### 5.10.1. PA 2943/19 – Kostruzzjoni tat-tieni fażi tal-lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)

5.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li wara l-approvazzjoni tal-iżvilupp mill-ġdid tat-tieni fażi tal-Lukanda Ramla Bay, permezz ta' imejl datat 23 ta' Settembru 2022, l-Awtorità tal-Ippjanar talbet l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-*Construction Management Plan* sottomess mill-periti tal-iżviluppatur. L-istess dokument ġie ċirkolat lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

5.10.4. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li r-rotta tat-trakkijiet użata għall-ġarr tal-terrapien iġġenerat mit-twaqqiegħ u tqattiegħ tal-blat għandha teskludi, Triq il-Mellieħa, il-Manikata, u Triq il-Wilġa, u minflok jidħlu Triq Lewis Wettinger, it-Telgħa ta' Selmun, ix-Xemxija eċċ. Dan peress li vetturi kbar huma pprojbiti li jgħaddu minn l-istess toroq.

5.10.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha titressaq oġġezzjoni li tinkludi l-fatturi mogħtija fil-minuta 5.10.4., kif ukoll li jkun pprojbit il-ħażna ta' fjuwil fuq il-post, u għaldaqstant ir-rifornimenti għandhom jsiru minn *bowser* li jissejjaħ fuq il-post kull meta jkun meħtieġ.

### 5.11.1. Qtugħ tal-Elettriku fl-inħawi ta' Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, irrefera għal ilmenti li saru rigward vultaġġ baxx u anke qtugħ tal-provista tal-elettriku fiż-żona ta' Misraħ il-Parroċċa. Dan kien evidenti fl-attivitajiet li kien hemm fil-jiem tal-festa. Fid-dawl tal-proġett dwar il-pavimentar mal-pjazza, Triq Salvinu Vella u Triq l-Inkurunazzjoni saret rappreżentazzjoni dwar dan il-fattur ma' l-Enemalta u Infrastructure Malta, li qed jikkordinaw il-proġett.

5.11.3. Kompla jispjega li minn kuntatti li kien hemm mal-Enemalta jidher li fl-akwati tal-pjazza jeħtieġ li jkun hemm *substation* biex tlaħħaq maż-żieda fid-domanda. Skont l-Enemalta s-

*substation* mgħandhiex tkun imbiegħda iktar minn 150 metru miċ-ċentru fejn hemm iktar domanda, u allura jrid jiġi indikat post li jkun 4m x 5m li jkun aċċessibli mit-triq. L-Enemalta qed titlob li l-Kunsill jindika sit li jissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

5.11.4. Il-Kunsill indika l-għażliet li ġejjin f'ordni ta' preferenza:

1. Ġewwa l-kamra li kienet tal-ġeneratur taħt il-Knisja Parrokkjali; u
2. Fil-parkeġġ pubbliku ta' Triq l-Inkurunazzjoni.

5.11.5. Il-Kunsill kien konxju li l-ewwel għażla hija suġġetta għall-approvazzjoni mill-Kurja, kif ukoll li hija l-inqas intruživa viżwalment. It-tieni għażla, hija madankollu soġġetta għal kisi ta 'ħitan ta' barra bil-gagazza sabiex tiġi taqbel mal-madwar, filwaqt li s-saqaf tas-*substation* ikun jista' jintuża bħala żona ta' parkeġġ.

## 5.12.1. Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa (P/10/37)

5.12.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-kuntratt li ngħata sabiex ir-restawr tan-niċċa msemmija. Qal li meta l-kuntrattur għarraf lill-Kunsill li lesta l-inkarigu u neħħa l-i*scaffolding* u l-*hoarding* li kien hemm madwar in-niċċa, permezz ta' imejl datat 10 ta' Settembru 2022 bagħat ir-ritratti tax-xogħol. Kif wieħed seta jara, ir-riżultat finali kien ħafna 'l bogħod minn replika fidila man-niċċa oriġinali. Fil-fatt l-biċċa l-kbira tal-lavur oriġinali fil-ġebel kien nieqes, apparti l-fatt li l-istruttura tan-niċċa nnifisha nbniet ixxaqqleb lejn ix-xellug, meta wieħed iħares lejha minn quddiem. Kompla jgħid li l-pilastri fuq iż-żewġ naħat tan-niċċa kienu viżibilment mhux riegla ċomp, filwaqt li l-plakka tal-irħam kellha tkun ingastata fil-ġebel, kif kienet oriġinarjament, u mhux imwaħħla fuq il-wiċċ tal-pedestall.

5.12.4. Fid-dawl ta' dan fit-22 ta' Settembru 2022 saret laqgħa ma' uffiċjal mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali bil-għan li tinkiseb direzzjoni dwar x'għandu jsir fiċ-ċirkostanzi. Kien miftiehem li l-perit inkarigat għandu jitlob lill-kuntrattur jieqaf mix-xogħol immedjatament, filwaqt li l-Kunsill intalab jinforma uffiċjalment bin-nuqqasijiet lis-Sovrintendenza bil-għan li tinstab soluzzjoni li twassil għat-twettieq tal-proġett kif titlob l-arti u s-sengħa.

5.12.5. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.13.1. *Cat cafè* qrib iċ-Ċentru Anzjanità Attiva (A/1/2/Vol VII*)*

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum qed jieħdu ħsieb kolonja ta' qtates li jgħixu fil-bitħa ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija għarrfet li ġiet avviċinata mill-persuna nkarigata miċ-ċentru sabiex il-Kunsill jgħin biex dawn ikollhom kenn mill-elementi.

5.13.3. Il-Kunsillier approva t-talba.

## 5.14.1. 25 Anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa – Adenau (K/1/5/Vol IV)

5.14.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 40 u għarraf li l-prospetti li ż-żjara tal-Banda La Vittoria tiġi ssussidjata permezz ta' fondi Ewropej taħt il-programm *Citizens, Equality, Rights and Values Programme (CERV)* sfumaw fix-xejn, peress li s-sejħa kienet għadha ma ħarġitx u għalhekk ċertament mhux ser ikun magħruf l-eżitù tal-applikazzjoni sa Settembru 2023. Minkejja dan, l-inizjattiva xorta waħda tista' titwettaq jekk l-ispejjeż jinqasmu u l-Kunsill ikopri l-massimu li tippermetti l-liġi fuq il-ġemelaġġi. Huwa qal ukoll, li issa huwa aktar possibbli li l-programm ikun ikkonċentrat fuq l-attivitajiet tal-anniversarju *per sè*.

5.14.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-22 ta' Settembru 2022 saret laqgħa mas-Sur Michael Bauer, li ġie delegat mis-Sindku ta' Adenau, flimkien mad-direzzjoni tas-Società Filarmonica La Vittoria, fejn sar bdil ta' idejat dwar iż-żjara. Kien miftiehem li s-Sur Bauer għandu jiddiskuti l-proposti mal-Kunsill tiegħu u jgħaddi abbozz tal-programm.

5.14.4. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li bħalma sar fi żjarat simili, in-numru fil-grupp m'għandux ikun iktar minn 45 persuna. Huwa qal ukoll li hija l-prassi li l-akkomodazzjoni tkun mal-familji, iżda l-esperjenza wriet jkun aħjar jekk l-akkomodazzjoni tal-grupp tkun f'post wieħed.

5.14.5. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa.

### 5.15.1. Skema tar-Reġjun Tramuntana dwar il-Libreriji (L/4/Vol III)

5.15.2. Is-Sindku għarraf li fis-27 ta' Settembru 2022 huwa, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono attendew konferenza stampa li ngħatat mir-Reġjun Tramuntana, li attendew għaliha s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. A. Zerafa Civelli, uffiċjali mill-Malta Libraries, flimkien ma' Sindki u Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun. Huwa qal permezz tal-ftehim li ġiet iffirmat l-Kunsill ser jibbenefika minn għotja ta' €2,500.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1. Tqegħid ta' lapida kommemorattiva (M/6/Vol V)

5.16.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-imejl datat 3 ta' Settembru 2022 fejn persuna staqsiet dwar il-proċedura sabiex titwaħħal lapida kommemorattiva qrib xatt il-baħar.

5.16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-persuna konċernata għadha tieħu parir mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar jew perit.

### 5.17.1. Parteċipazzjoni fi programm televiżiv *"Illum ma' Steph"* (M/3/Vol III)

5.17.2. Is-Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni għall-ċirkulari mil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datata 14 ta' Settembru 2022, fejn il-Kunsilli Lokali ġew mistoqsija dwar jekk humiex interessati li jipparteċipaw fil-programm imsemmi li jixxandar fuq TVM. Din tkun tikkonsisti f'intervista ta' 12-il minuta u tinvolvi spiża ta' €200.

5.17.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm tweġiba pożittiva għal din l-istedina.

### 5.18.1. Stedin barra mill-pajjiż (K/1/5/3/Vol II)

5.18.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Settembru 2022, fejn is-Sindku ta' Cavriglia Leonardo Degl'Innocenti o Sanni aċċetta stedina biex delegazzjoni minn Cavriglia tassisti għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi. Minn naħa tagħhom stiednu delegazzjoni mill-Mellieħa għall-*Arezzo Wave Contest* li ser jiżvolġi bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru 2022.

5.18.3. Mistoqsi jekk jistax jattendi, il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li bejn id-9 u t-12 ta' Ottubru huwa ser ikun fi Brussell u mit-12 sas-16 ta' Ottubru 2022, ser ikun f'Antalya t-Turkija, fuq xogħol tar-Reġjun Tramuntana.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll qabe li l-Kunsillieri A. Brincat Stellini u R. Bartolo Cutajar jattendu għall-*Arezzo Wave Contest*.

### 5.19.1. Skema tar-Reġjun Tramuntana dwar il-Milied (T/4/15/Vol II)

5.19.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana approva żieda għal €4,000 taħt l-Iskema tal-Milied, li mhux neċessarjament tkun marbuta mat-tiżjin bid-dwal, kif sar fis-sena preċedenti.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Konġestjoni tat-traffiku fix-Xemxija (T/4/4/Vol II

5.20.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-konġestjoni tat-traffiku li qed kulma jmur iżżid fix-Xemxija, li saħansitra qed taffettwa t-Telgħa ta' Selmun. Hija qalet li din qed tiġi

kkawżata minn erba’ *pellican crossings* li hemm fit-Telgħa tax-Xemxija. Hija qalet li dik illi hemm qrib Triq in-Nafraġu għandha tiġi mneħħija. Kien propost ukoll li għandhom jsiru *bollards* quddiem il-parkeġġ u hekk minn ikun irid jidħol għaliħ mid-direzzjoni tal-Mellieħa ikollu jdur mar-*roundabout* qrib il-Ġnien Olimpiku.

5.20.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma’ Transport Malta skont il-proposta fil-minuta preċedenti.

**5.20.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li jerġgħu jinbdew il-ħarġiet kulturali, b’dik li jmiss tkun lejn il-Mużew ta’ Wignacourt fir-Rabat fid-19 ta’ Ottubru 2022. Għaldaqstant hija ssuġġeriet li jintalbu stimi dwar is-servizz marbuta ma’ l-istess ħarġiet.

5.20.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.21.1. Attività fl-okkażjoni ta’ Jum Dinji tat-tfal (A/5/3/Vol XIII)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fl-20 ta’ Novembru 2022, fl-okkażjoni ta’ Jum it-Tfal, isir attività multi-kulturali għat-tfal fil-Park tal-Familja. Fuq bażi nazzjonali hija spjegat li l-attivitajiet jiġu kordinati mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal u għalhekk jiġi addottat il-logo tagħhom.

5.21.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-baġit għall-din l-attività jammonta għal €1,500.

5.21.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jibdew it-tħejjijiet għall-attività proposta.

**5.22.1. Attività fl-okkażjoni ta’ Jum Dinji tal-Anzjani (A/1/1/Vol II)**

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li fl-4 ta’ Ottubru 2022, ser jiġi ċċelebrat l-Jum Dinji tal-Anzjani. Hija pproponiet li ssir attività sportiva għalihom.

5.22.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.23.1. Sessjonijiet tal-pilates fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva (A/1/2/Vol VII)**

5.23.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li n-numru ta’ anzjani li qed jattendu ċ-ċentru ta’ matul il-jum qabeż il-150, u rriżultat żieda fid-damanda għall-kors tal-pilates. Hija għaldaqstant ippproponiet li tiżdied sessjoni oħra fil-ġimgħa.

5.23.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.24.1. Ipparkjar quddiem Ċimiterju Sultana tal-Vittorji (C/7)**

5.24.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini lmentat li mhux xieraq illi jarmaw bejjiegħa fi Triq l-Erwieħ, quddiem iċ-ċimiterju msemmi. Hija appellat biex il-bejjiegħ tal-ħaxix li qed jagħmel hekk jarma x’imkien ieħor.

5.24.3. Ittieħdet nota tal-ilment.

**5.25.1. Żbir ta’ siġar fi Triq Għajn Żejtuna u fit-triq tal-Wied Ta’ Rdum (K/6/1/Vol VI)**

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li hemm diversi postijiet fit-triq imsemmija fejn siġar qed jokkupaw il-bankina, partikularment faċċata ta’ Triq iż-Żebbuġ.

5.25.3. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li hemm siġar ‘l barra fi Triq il-Marfa *(f’S-bend),* li qed iġiegħel is-sewwieqa ta’ vetturi kbar jżommu lejn nofs it-triq. Huwa aċċenna wkoll li fi triq tal-Wied Ta’ Rdum hemm ħaxix li kiber fil-karreġġjata u jeħtieġ li jinqata.

5.25.4. Ittieħdet nota sabiex fejn hemm proprjetà privata jsir kuntatt mas-sidien permezz tal-Pulizija tal-Komunità , filwaqt fejn hemm matul il-wied jintalab jieħu azzjoni l-kuntrattur konċernat.

**5.26.1. *Hoarding* matul sit ta' kostruzzjoni fi Triq Sant' Anna (P/5/2/Vol II)**

5.26.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għal bini li qed isir fi Triq Sant' Anna, bejn Triq in-Nofsinhar u Triq il-Kappillan Magri. Huwa qal li dan issa laħaq livell mat-triq u l-blokki tal-konkos għandhom jitneħħew sabiex ikun aktar spazju għall-ipparkjar, u hekk ukoll it-traffiku jimxi mingħajr xkiel.

5.26.3. Ittieħdet nota sabiex jiġu kkuntattjat l-iżviluppatur konċernat.

5.27.1. **Abbużi minn sewwieqa tal-muturi fi Triq Sant' Anna (P/5/2/Vol II)**

5.27.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għal abbużi li qed isiru minn sewwieqa tal-muturi ngaġġati bħala distributuri, li qed jipparkjaw fi Triq Sant' Anna kantuniera ma Triq il-Mitħna l-Qadima fejn mhemmx spazju allokat għalihom, filwaqt li ħafna drabi qed jinstaqu kontra l-*one-way*.

5.27.3. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunità.

5.27.4. **Tiswija ta' skal fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (X/1/2)**

5.27.5. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li l-iskal fil-bajja msemmija jeħtieġ manutenzjoni peress li bl-istat li jinsab fih huwa diffiċli biex dan jintuża.

5.27.6. Ittieħdet nota sabiex il-każ jinġieb għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**5.28.1. Kontroll tal-Bagħal taż-Żunżan (I/4)**

5.28.2. Il-Kunsillier G.E. Bartolo ġibed l-attenzjoni Kunsill Lokali partikulari qed jieħu xi inizjattivi flimkien mal-Beekeepers Association sabiex jikkontrollaw ix-xehdi tal-bagħal taż-żunżan li żdiedu b'mod allarmanti f'żoni urbani. Huwa qal li ser jgħaddi l-kuntatti tal-persuni nvolti.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (A/6/3/2/Vol 93)**

5.29.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-permess tat-tip imsemmi li ngħata għall-nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2022. Huwa rrakkomanda li fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi ma jinħarġux permessi fil-jum tas-Sibt. Dan peress li l-parti l-kbira tan-nies ma toħroġx għax-xogħol u għaldaqstant wieħed jagħmel il-qadjiet tiegħu dakinhar.

5.29.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fir-rigward ta' toroq li ma jinfdux, il-*policy* hija li l-permessi jinħarġu mit-Tnejn sas-Sibt, bejn id-9:00am u l-5:00pm.

5.29.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-*policy* għandha tiġi mibdula fis-sens li ma jinħarġux permessi nhar ta' Sibt f'toroq li ma jinfdux

**5.30.1. Stat tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

5.30.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa li titraqqa x-xibka tal-*court* peress li qed jidħlu fih persuni mhux awtorizzati. Huwa kkummenta wkoll li l-wiċċ tal-lastiku tiegħu jeħtieġ l-attenzjoni.

5.30.3. Il-Kunsill staqsa jekk it-tiswija tax-xibka tistax tiġi rimedjata mill-ħaddiema tal-Kunsill.

### 5.23.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol VI)

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-imejl datat 24 ta' Settembru 2022 mibgħut mill-President tal-Malta Sailing Federation, dwar l-avveniment imsemmi li ser jiżvolġi bejn s-17 u l-22 ta' Diċembru 2022 fil-Bajja tal-Mellieħa, bis-sehem ta' kompetituri minn diversi pajjizi. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment. Kien hemm qbil ukoll li l-organizzaturi għandhom jiġu eżentati mill-ħlas tal-permess li jeħtieġ jinħareġ mill-Kunsill.

5.23.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €400, kif ukoll ma' sabx oġġezzjoni li jinġieb *container* fil-parkeġġ tal-Għadira sabiex jitqiegħed it-tagħmir meħtieġ għal dan l-avveniment.

### 6.1. Identifikazzjoni ta' proġett iffinanzjat bil-*Planning Gain* marbut mal-iżvilupp tal-Lukanda Radisson SAS Golden Sands (P/5/15)

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fl-24 ta' Awwissu 2022 saret laqgħa virtwali ma' diriġent mill-Corinthia Group fejn sar magħruf li għad fadal madwar €50,000 bħala *planning constribution* li kienet imponiet l-Awtorità tal-Ippjanar in konnessjoni mal-bini tal-lukanda msemmija. Il-Kunsill intalab jindika proġett ta' natura kapitali, li jista' jiġi ffinanzjat minn dawn il-fondi.

6.3. Il-Viċi Sindku qal li jkun xieraq jekk dawn il-fondi jintefqu fuq proġett fl-inħawi ta' Għajn Tuffieħa u l-Manikata. Huwa għalhekk ippropona li jsir ir-restawr minn barra tal-binja devoluta lill-Park tal-Majjistral u assenjata lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

6.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 7.1. Immaniġġjar tal-ilma tax-xita fi Triq l-Għasafar u Triq il-Biedja fil-Manikata (T/4/12/Vol II)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal ilmenti li saru mal-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jiġu mmaniġġjati aħjar l-ilmijiet li jinżlu minn Triq l-Għasafar u Triq ix-Xifer għal Triq il-Biedja, fejn hemm diżlivell ta' madwar tliet sulari. Parti mill-istess ilma qed jinżell minn taraġ pubbliku u hekk ma jkunx jista' jintuża. Filmat ta' din is-sitwazzjoni ġie muri waqt is-seduta..

7.3. Ġie spjegat li biex tiġi trattata din is-sitwazzjoni, sar kuntatt mal-i*Stormwater Section* fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u kien deċiż li l-ilma jitniżżel minn katusa kbira sal-livell ta' Triq il-Biedja. Meta ġie biex jitwettaq ix-xogħol, kien hemm residenti fil-blokka ta' appartamenti li hemm fil-qrib illi oġġezzjonaw, peress li:

(a) l-katusi ser jagħtu dehra kerha lill-post; u

(b) talbu li jsir *culvert* li jieħu l-ilma aktar 'l isfel fi Triq il-Biedja, peress li qed jidħol l-ilma fil-garaxxijiet li hemm taħt l-imsemmija appartamenti.

7.4. Fiċ-ċirkustanzi, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa fuq il-post mar-residenti konċernati u jsir rapport mill-perit dwar kif tista' tiġi trattata s-sitwazzjoni, bil-għan li d-Dipartment tax-Xogħlijiet ikun jista' jwettaq ix-xogħol skont id-direzzjoni li tingħata.

7.5. Il-Kunsill qabel ukoll li x-xogħlijiet ikunu limitati biss għall-immaniġġjar tal-ilmijiet li jinżlu bejn Triq l-Għasafar għal Triq il-Biedja. Dan peress li l-ilma jaqleb lill'hin mill-binja tar-residenti li qed jilmentaw. Kien hemm qbil ukoll li l-katusi għandhom jitgħattew b'ħajt sabiex ma jagħtux dehra kerha lill-post.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier K. Buttigieg li tgħid:**

***"Billi saret sejħa għal offerti MLC 5/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi xogħlijiet ta' tiswija u manutenzjoni fil-multi-purpose court li jifforma parti mill-Park tal-Familja, Triq Ġużè' Flores;***

***Billi sar rapport tekniku mill-perit konsulent inkarigat mill-Kunsill, kif ukoll saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-erba' offerti li saru, assistita minn kjarifiki mitluba, skont il-minuti tal-istess kumitat tal-4 u 29 ta' Awwissu 2022; u***

***Billi l-ftehim tal-għotja li sar mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali jipprovdi fondi għal finanzjament parżjali taħt l-iskema SPI/SCI/7/2021, flimkien ma' fondi tal-Kunsill allokati taħt il-vot 7509 fl-Estimi Finanzjarji 2022;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Christian Bezzina, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas spiża li tammonta għall-€34,776 mingħajr it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.". (P/4/6/Vol VI)***

8.2. Il-mozzjoni għaddiet unanimament wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

**9.1. Sejħa għall-Offerti 7/2022 – Installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi u batterija fl-uffiċċju tal-Kunsill bħala proġett pilota flimkien mal-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija (K/1/2/Vol V)**

9.2. Il-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li għas-sejħa msemmija kien hemm rispons minn offerent wieħed – ECO Group – li kkwota spiża ta' €26,248 mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud. Saret l-evalwazzjoni tagħha bil-għajnuna teknika mill-inġiniera tal-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija li qed jikkonfinanzjaw dawn il-proġett. Irriżulta li s-sottomissjonijiet ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba.

9.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill qabel li l-proċess għandu jiġi kkanċellat, sabiex tkun tista' issir sejħa oħra.

**10.1. L-Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* mibgħuta mill-udituri dwar l-operat tal-Kunsill matul s-sena finanzjarja 2021 (F/1/2/Vol IX)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2021, kif ukoll t-tweġiba għaliha. Is-Sur C. Debono aċċenna li l-Kunsill indirizza l-punti kollha ndikati fl-ittra tal-2020 li kienu jiddependu direttament mill-Kunsill. Huwa qal li punti kollha li tqajmu kienu ta' natura teknika u allura jittrattaw il-mod kif ċerti transazzjoni kellhom jiġu murija fil-kotba. Billi r-risposta għall-ittra ta' direzzjoni kellha tingħata sad-19 ta' Settembru 2022, din diġa ntbagħtet lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

10.3. Il-Kunsill irratifika t-tweġiba mogħtija.

**11.1. Proġett dwar l-iżvilupp ta' ġnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel (P/4/27)**

11.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li ssir sejħa għall-offerti bil-għan li jitwettaq dan il-proġett.

11.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi riveduta l-istima oriġinali tal-perit li kienet saret fl-Ottubru 2014 illi kienet tlaħħaq €430,000.

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Settembru 2022.

12.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-22 ta' Awwissu u t-23 ta' Settembru 2022.

12.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri kollha, is-seduta spiċċat fid-9:40 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022 fis-6:00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |